1. Prevja li jagħti kull dikjarazzjoni li tkun neċessarja jitlob lil dan l-Onorabbli Bord wara li jogħġbu jordna d-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Art 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u jordna lill-intimat jiżgombra mill-garaxx (26), Triq Saint Peter, L-Imġarr (Malta), fi żmien qasir u perentorju jagħti lura l-pussess vakanti tal-imsemmi fond lill-esponenti u jogħġbu jordna u jiddeċiedi li l-fond de quo ma jigix rilokat lill-intimat;

2. Jordna lill-intimat iħallas dawk il-kirjiet kollha arretrati u ammonti dovuti skont il-kuntratt tad-19 ta' Frar,

By means of a decree of the 9th December, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Manwel Muscat vs Anton Cuschieri, Application number 93/2022NB, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Anton Cuschieri in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Manwel Muscat (ID 267545M) vs Anton Cuschieri (ID 809745M) filed before the Rent Regulation Board, on the 31st January, 2022 the applicant Manwel Muscat (ID 267545M) requested with respect so that this Board:

1. Subject to making any necesasry declaration, it proceeds to hear this case without proceeding to trial in accordance with Article 16A of Cap. 69 of the Laws of Malta and order the respondent to evict from the garage (26) Triq Saint Peter, Mġarr (Malta), within a short and peremptory time and return the vacant possession of the said premises to the applicant and order and decide that the premises de quo shall not be relocated to the respondent;

2. Order the respondent to pay all the rent arrears and amounts due according to the contract of the 19th February,

1993, fl-ammont ta €18,000, liema somma tirrappreżenta skadenzi tal-kera li għalqu sal-lum;

3. Salv kull ordni u provvediment ieħor illi din l-Onorabbli Qorti jidherilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk tal-ittra legali, l-ittra uffiċjali u l-imgħax u dana b'riserva ta' kull dritt ieħor spettanti lir-rikorrent skont il-liġi.

Rikorrent: 4, Triq il-Ġnien Għajn Tuffieħa, L-Imġarr

Intimat: 32, Alson Flats, Flat 3, Triq Sir Adrian Dingli, Tas-Sliema, u/jew No. 2, Acquarius Flats, Triq il-Wied, Il-Mosta

Ir-rikors fl-ismijiet Manwel Muscat vs Anton Cuschieri, Rikors numru 93/2022NB, jinsab differit għas-17 ta' Marzu, 2023, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Marzu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1993, in the amount of €18,000, which amount represents the rent installments due till today;

3. Save any other order or direction that this Honourable Court deems fit and opportune.

With all costs including those of the legal letter, judicial letter and interest and reserving the right to any action by the applicant according to law.

Applicant: 4, Triq il-Ġnien Għajn Tuffieħa, Mġarr

Respondent: 32, Alson Flats, Flat 4, Triq Sir Adrian Dingli, Tas-Sliema, and/or No. 2, Acquarius Flats, Triq il-Wied, Mosta

The application in the names Manwel Muscat vs Anton Cuschieri Application Number 93/2022NB has been postponed for hearing to the 17th March, 2023, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 3rd March, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

538

Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Diċembru, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Reuben Paul Mizzi vs Veronica Mumford, Rikors numru 527/2022NB, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Veronica Mumford a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Reuben Paul Mizzi (KI 18485M) vs Veronica Mumford (KI 7946M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-14 ta' Ġunju, 2022, ir-rikorrenti Reuben Paul Mizzi (KI 18485M) talab lil dan il-Bord sabiex:

1. Jiddikjara li l-intimata ma tgawdi minn l-ebda titolu ta' kera u ma hijiex intitolata għall-ebda titolu ta' kera fuq il-fond Shamrock, 335, Triq Ħaż-Żabbar, Il-Fgura;

2. Jawtorizza lir-rikorrenti tirriprendi l-pussess tal-fond suriferit u jordna lill-konvenuta sabiex tiżgombra mill-fond u trodd il-pussess battal tal-fond u dan fi żmien qasir u perentorju prefiss minn dan l-Onorabbli Bord;

3. Jiddikjara li l-konvenuta hija responsabbli sabiex tħallas lir-rikorrenti danni ossija kumpens għal danni naxxenti minn okkupazzjoni illegali daparti tal-intimata u telf ta' qligħ sofferti mir-rikorrenti jew data oħra stabbilita

By means of a decree of the 2nd December, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Reuben Paul Mizzi vs Veronica Mumford, Application number 527/2022NB, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Veronica Mumford in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Reuben Paul Mizzi (D 18485M) vs Veronica Mumford (ID 7946M) filed before the Rent Regulation Board, on the 14th June, 2022, the applicant Reuben Paul Mizzi (ID 18485M) requested with respect so that this Board:

1. Declare that the respondent doe not enjoy any title of lease and is not entitled to any title of lease on the premises Shamrock, 335, Triq Ħaż-Żabbar, Fgura;

2. Authorise the applicant to regain the possession of the premises above mentioned and order the respondent to vacate the property and return the vacant possession of the premises and this within a short and peremptory time fixed by this Honourable Board;

3. Declare that the respondent is responsible to pay the applicant the damages or compensation for damages arising from illegal occupation by the respondent and loss earnings suffered by the applicant or any other date established by

minn dan il-Bord u dan sakemm il-konventua tagħti lura l-pussess effettiv tal-fond imsemmi;

4. Jillikwida l-istess danni ossija kumpens għal telf ta' qligħ pagabbli mill-konvenuta kull ġuranta jew kull xahar u dan okkorrendo bl-opera ta' perit arkitett;

5. Jordna u jikkundanna lill-konvenuta tħallas lir-rikorrent id-danni ossija kumpens għal telf ta' qligħ hekk likwidati minn data stabbilita minn dan il-Bord sad-data li r-rikorrent jingħata lura l-pussess effettiv tal-proprjetà mertu ta' dawn il-proceduri;

6. F'każ li l-ewwel ħames talbiet ma jintlqgħux, jirrevdi l-kera pagabbli għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond mikri u ċjoè l-fond Shamrock, 335, Triq Ħaż-Żabbar, Il-Fgura;

7. Konsegwentement jordna lill-intimata sabiex tibda' tħallas lill-esponenti l-ammont ta' kera hekk rivedut kull sena b'effett mis-17 ta' Ġunju, 2022, u dan bla ebda preġudizzju għal dak li jiddisponi is-subinċiż (7) tal-Artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta; u

8. Jistabbilixxi kwalsijasi kundizzjoni oħra għall-kera li jistgħu jkunu meħtieġa u desiderabbli skont iċ-ċirkustanzi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li hija minn issa inġunta in subizzjoni.

Rikorrent: Jacaranda, 174, Triq ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar

Intimat: Shamrock 335, Triq Ħaż-Żabbar, Il-Fgura

Ir-rikors fl-ismijiet Reuben Paul Mizzi vs Veronica Mumford, Rikors numru 527/2022NB, jinsab differit għat-13 ta' Marzu, 2023, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Marzu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

this Board and this till the respondent returns the effective possession of the said property;

4. Liquidate the same damages and namely compensation for loss of profits payable by the respondent every day or every month and this, if necessary. by the nomination of an architect;

5. Order and condemn the respondent to pay the applicant the damages or compensation for loss of profit thus liquidated from a date established by this Board till the date when the applicant is given the effective possession of the property subject matter of these procedures;

6. In the event that the first five requests are not met, the rent payable is reviewed for an amount that does not exceed two percent (2%) per year of the free and open market value of the premises rented and that is the premises Shamrock, 335, Triq Ħaż-Żabbar, Fgura;

7. Consequently, it orders the respondent to start paying the applicant the amount of rent thus revised every year with effect from the 17th June, 2022, and this without prejudice to what is provided in subsection (7) of Article 12B of Cap. 158 of the Laws of Malta; and

8. Establish any other conditions for the rent that may be necessary and desirable according to the circumstances.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to her oath be made.

Applicant: Jacaranda, 174, Triq ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar

Respondent: Shamrock, 335, Triq Ħaż-Żabbar, Fgura

The application in the names Reuben Paul Mizzi vs Veronica Mumford, Application number 527/2022NB, has been postponed for hearing to the 13th March, 2023, at 9.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 3rd March, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

539

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-2 ta' Marzu, 2023, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 25 ta' Mejju, 2023, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 02nd March, 2023, on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Thursday, 25th May, 2023, at half past eleven in the morning (11:30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Il-fond bl-isem Millennia, fi Triq Aldo Moro, Il-Marsa, li jikkonsisti fi plott rettangolari b'fond ta' ċirka 50.5 metru u wisa' ta' ċirka 27.5 metru, b'faċċata ta' quddiem tagħti direttament fuq service road li tiżbokka minn u ġo Triq Aldo Moro (hawnhekk imsejħa bħala service road) u l-faċċata ta' wara tagħti direttament fuq Triq Troubridge. L-imsemmi fond huwa mibni u jikkonsisti f'basement u erba' sulari mibnija 'il fuq mil-livell tat-triq u l-arja sovraposta, b'partijiet tal-fond huma mikrija u mqassam: Livell -01 jikkonsisti fi stores u open car park, livell 00 jikkonsisti f'żewġ uffiċini, b'wieħed mill-uffiċini preżentament qed jintuża mill-Malta Resources Authority, filwaqt li l-uffiċċju l-ieħor jintuża bħala ċentru reliġjuż, Livell +01 jikkonsisti f'uffiċju, preżentament qed jintuża mill-Ministry for the Economy, Investment and Small Business (MEIB), Livell +02 jikkonsisti f'uffiċju preżentament qed jintuża mill-Environment Resources Authority (ERA), Livell +03 jikkonsisti f'uffiċju li preżentament qed jintuża mill-Ministry for Home Affairs and National Security (MHAS), Livell +04 jikkonsisti f'arja b'parti minnha msaqqfa fejn jinsabu numru ta' servizzi li jservu l-kumpless, u l-arja sovraposta, konfinanti l-imsemmija art mill-Punent mill-imsemmija service road, Mil-Lvant ma' triq oħra mingħajr isem li tagħti għal Triq Troubridge u mit-Tramuntana ma' beni ta' V. V. M. Limited jew suċċessuri fit-titolu tagħha u min-Nofsinhar ma' beni ta' Joseph Bezzina and Company Limited, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha u stmata għal tmien miljuni, disa' mija u disgħa u tletin elf, sitt mija u wieħed u tmenin ewro u ħamsin ċenteżmu (€8,939,681.50).

The tenement named Millenia, in Triq Aldo Moro, Marsa, consisting of a rectangular plot of depth of circa 50.5 metre and frontage of circa 27.5 metre, with the frontage leading directly on the service road that abuts from and in Triq Aldo Moro (hereby described as service road) and the back façade leading directly on Triq Troubridge. The tenement is built and consists in a basement and four floors built over the street level and the overlying airspace, with areas of the tenement being rented and divided in : Level -01 consisting of stores and open car park, Level 00 consisting in two offices, one presently being used by the Malta Resources Authority while the other office is being used by a religious centre, Level +01 consisting of an office presently used by the Ministry for the Economy, Investment and Small Business (MEIB), Level +02 consisting of an office presently used by the Environment Resources Authority (ERA), Level+03 consisting of an office presently used by the Ministry for Home Affairs and National Security (MHAS), Level +04 consisting of airspace, part of which is roofed and where one finds number of services that serve the complex, and the overlying airspace, bounded west by said service road, east by another unnamed road abutting on Triq Troubridge, and north by property of V. V. M. Limited or its successors in title and south by property of Joseph Bezzina and Company Limited, with all its rights and appurtenances and valued at eight million, nine hundred and thirty nine thousand and six hundred and eighty one euro and fifty cent (€8,939,681.50).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Mizzi Group Limited (C21948).

The said tenement is the property of Mizzi Group Ltd (C21948).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 6/2021.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 6/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 3 ta' Marzu, 2023

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, this Friday, 3rd March, 2023

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

540

Permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Jannar, 2023, fl-atti tal-protest numru 511/2022, fl-ismijiet Kirsten Spiteri Azzopardi vs Andre Apap, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 fil-konfront tal-intimat Andre Apap.

By means of a decree of the 4th January, 2023, in the records of the protest number 511/2022, in the names Kirsten Spiteri Azzopardi vs Andre Apap, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 on the respondent Andre Apap.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

In the First Hall of the Civil Court

Illum 18 ta' Ottubru, 2022

Today 18th October, 2022

Lil Andre Apap ta' 51, La Mirage, Flat 1, Triq Ġwann Mamo, L-Iklin

To Andre Apap, 51, La Mirage, Flat 1, Triq Ġwann Mamo, Iklin

Protest ta' Kirsten Spiteri Azzopardi ta' 23, Triq Ġużi Abela, Iż-Żejtun (KI 433591M).

Jesponi bir-rispett:

Illi l-protestanti jirreferik għall-kuntratt ta' appalt minnkom iffirmat fit-12 ta' Jannar, 2022, fejn intrabatt li twaqqa' u terġa' tibni l-fond numru 68, Triq Erin Serracino Inglott, Bormla;

Illi ai termini tal-istess kuntratt kellek tlesti u tesegwixxi x-xogħlijiet neċessarji fi żmien sitt xhur minn meta l-Perit Malcolm Cachia jidderiġi u ċjoè billi dan sar fit-13 ta' Mejju, 2022, dan għandu jiġi esegwit tal-13 ta' Novembru, 2022;

Illi billi inti waqqajt il-parti interna u waqaft mix-xogħol għal dawn ix-xhur il-post mhux biss ma huwiex jiġi mibni kif il-ftehim jistabbilixxi imma wkoll jista' jkun ta' periklu lil terzi speċjalment fl-istaġun tax-xitwa li ġej;

Illi dan id-dewmien qiegħed jikkaġuna u jista' jikkaġuna ħsara u dannu lill-protestanti u għalhekk hemm bżonn li dawn ix-xogħlijiet jiġu minnek esegwiti mingħajr dewmien.

Għaldaqstant, l-esponenti protestanti filwaqt li jirreferu għall-fatti hawn esposti kif ukoll għall-kuntratt ta' appalt hawn imsemmi ffirmat fit-12 ta' Jannar, 2022, huwa jinterpellak sabiex immedjatament inti tieħu ħsieb tersaq u tesegwixxi x-xogħlijiet hemm indikati u filwaqt li jżommok responsabbli in dolo, mora, u culpa huwa jirriserva kwalunkwe azzjoni ulterjuri kontra tiegħek biex il-kuntratt jiġi debitament esegwit skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Protestant: 23, Triq Ġużi Abela, Iż-Żejtun

Protestat: 51, La Mirage, Flat 1, Triq Ġwann Mamo, L-Iklin

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Marzu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Judicial Protest of the said Kirsten Spiteri Azzopardi of 23, Triq Ġużi Abela, Żejtun (KI 433591M).

Request with respect:

That the applicant refers you to the contract of works signed by you on the 12th January 2022 where you agreed to demolish and rebuild the premises number 68, Triq Erin Serracino Inglott, Cospicua;

That under the terms of the same contract you had to complete and execute the necessary works within six months from when the Architect Malcolm Cachia directs and since this was done on the 13th May, 2022, the works should have been executed by 13th November, 2022;

Since you demolished the internal part and stopped working for these months, the place is not only not built as established by the contract of works, but it could also be a danger to third parties especially in the next winter season;

That this delay is causing and may cause harm and damage to the applicants and therefore these works need to be executed by you without delay.

Therefore, the applicant, while referring to the facts as set out here, as well as to the contract of works here mentioned signed on the 12th January, 2022, is requesting so that you immediately you proceed to execute the works indicated there and whilst holding you responsible in dolo, mora and culpa is reserving any further action against you for the contract to be duly executed according to law.

With costs

Applicant: 23, Triq Ġużi Abela, Żejtun

Respondent: 51, La Mirage, Flat 1, Triq Ġwann Mamo, Ilklin

Registry of the Superior Courts today 3rd March, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

541

Permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Frar, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1693/2022, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Jeffrey Attard, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

By means of a decree of the 8th February, 2023, in the records of the judicial letter number 1693/2022, in the names HSBC Bank Malta plc vs Jeffrey Attard, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Illum 8 ta' Lulju, 2022

Lil Jeffrey Attard (KI 428673M) ta' Intext, Sun Island Nurseries Limited, Triq il-Palma, L-Imġarr

Permezz tal-preżenti s-soċjetà HSBC Bank Malta plc (C3177) ta' 32, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Iġġib a formali konjizzjoni tagħkom il-fatt li fil-ġurnata tal-11 ta' Marzu, 2022, inti kont tinsab moruż fil-pagamenti ta' self lilek mogħti in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Maria Spiteri datat l-1 ta' Novembru, 2007, fl-ammont ta' €8,007.62 u għaldaqstant is-soċjetà esponenti tinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas din is-somma. Inoltre s-soċjetà esponenti tinfurmak illi din is-somma ta' arretrati tiżdied €553.08 fix-xahar wara dik id-data.

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €5,925.91 rappreżentanti inkwantu għas-somma ta' €4,927.28 bħala kapital u inkwantu għas-somma ta' €427.64 bħala mgħaxijiet li ddekkorrew fuq il-kapital sal-11 ta' Marzu, 2022, fuq il-kont bin-numru 061-219770-001, liema somma hija Encroachment fuq il-kont tat-tip Current Account li ġiet debitament mogħtija lilek, mill-Bank mittent u aċċettat minnek, oltre l-imgħax mit-12 ta' Marzu, 2022, sad-data ta' din l-ittra, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv, liema somma inti għalkemm repetutament interpellat biex tħallas inqast milli tagħmel dan; u

Tinfurmak li jekk tonqos milli tħallas l-arretrati kollha fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' din l-ittra, il-bilanċ intier tas-self isir kollu dovut f'daqqa.

Sabiex jiġu evitati spejjeż inutili tal-Qorti, jekk il-ħlas tad-dejn fiż-żmien hawn fuq indikat ma huwiex possibbli u teħtieġ żmien itwal għall-ħlas b'rati mensili, inti tista' tammetti d-dejn tiegħek mal-Bank permezz ta' att notarili. F'dak il-każ inti mitlub illi fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tirċievi din l-ittra tavża lill-Bank u tqabbad nutar.

Din l-ittra sservi wkoll biex tinterrompli l-preskrizzjoni u għalhekk hija rikjesta mill-ligi ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Fin-nuqqas jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tiegħek mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 3 ta' Marzu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Today 8th July, 2022

To Jeffrey Attard (ID 428673M) of Intext, Sun Island Nurseries Limited, Triq il-Palma, Mġarr

By means of this present, HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177) of 32, Triq il-Merkanti, Valletta

Draws your formal attention to the fact that on the 11th March, 2022, you were in delay of payment of the loan given to you by means of a contract in the records of Notary Maria Spiteri dated 1st November, 2007, in the amount of €8,007.62 and thus the interpellant company solicits you so that within two days you pay this amount. Besides the interpellant company informs you that this sum of arrears in the amount of €553.08 per month will be added after that date.

Solicits you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €5,925.91 representing as for the amount of €4,927.28 as capital and as for the amount of €427.64 as interest that accrued on the capital till the 11th March 2022, as you failed to do, on the account number 061-219770-001, which amount is Encroachment on the Current Account that was duly given to you, by the interpellant Bank and accepted by you, besides the interest from the 12th March, 2022, till the date of this letter together with further legal interest on the capital sum from the date of this letter till the date of effective payment.

Informs you that if you fail to pay all the arrears within fifteen days from the day of notification of this letter, the whole loan amount will be due all at once.

To avoid useless court fees, if the payment of the loan is not possible in the time given and you need more time to pay by monthly installments, you can admit your debt towards the Bank by means of a notarial act. In this case you are requested so that within fifteen days from when you receive this letter you inform the Bank and engage a notary.

This letter is being filed as well to interrupt prescription and as such is required by law in terms of article 2128 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta).

In default further procedures will be taken against at Court without further notice.

So much so that you may know how to regulate yourself

With costs

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 3rd March, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

542

Permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Frar, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2455/22, fl-ismijiet Segretarju Permanenti tal-Ministeru għas-Saħħa vs Sean Van Brantegem, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Sean Van Brantegem (KI 101220L) ta' B2, High View Mansions, Triq l-Istasija, Il-Manikata, fit-3 ta' Ottubru, 2022, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tas-Saħħa ta' 11, Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, jinterpellak sabiex fi żmien ġimgħa minn din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €1,313.05 rappreżentanti overpayment magħmul mill-Isptar Mater Dei skont l-anness dokument immarkat Dok. A.

Fin-nuqqas il-mittenti se jipproċedi ulterjorment kontra tiegħek mingħajr avviż ieħor bil-ħruġ tal-mandati opportuni skont il-liġi.

Din l-ittra qiegħda tintbagħat lilek ai termini tal-artikoli relattivi tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16) tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek

Bl-imgħax u bl-ispejjez tal-preżenti sal-eventwali ħlas.

Registru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 3 ta' Marzu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 7th February, 2023, in the records of the judicial letter number 2455/22, in the names Permanent Secretary in the Ministry for Health vs Sean Van Brantegem, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service on the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Sean Van Brantegem (ID 101220L) of B2, High View Mansions, Triq l-Istasija, Manikata, on the 3rd October, 2022, Permanent Secretary of the Ministry for Health of 11, Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta, solicits you so that within one week from this letter you pay the amount of €1,313.05 representing overpayment done from Mater Dei Hospital according to the attached document and marked as Doc. A.

In default the interpellant shall proceed furtherly against you without further notice with the issuance of the opportune warrants according to law.

This letter is sent to you in terms of articles relative to the Civil Code (Chapter 16) of the Laws of Malta.

So much for your own guidance

With interest and costs of this present till the effective payment.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 3rd March, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

543

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-17 ta' Jannar, 2023, fuq rikors ta' Vella Wright Natalie Mary Louise (KI 298201L) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 25 ta' April, 2023, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-fond b'numru mitejn u wieħed u sittin/mitejn u tnejn u sittin (261/262), fi Triq il-Kbira, Ħal Balzan, li jikkonsisti f'ħanut klassi erbgħa (IV), li jinsab fil-livell ta' semi basement, sottostanti beni ta' terzi, b'aċċess minn taraġ li jagħti għat-triq. L-ispazju kummerċjali prinċipali jagħti aċċess għall-kmamar kollha li jinkludu l-kamra tal-banju, il-kitchenette u l-box room. Il-fond fih kejl ta' madwar tlieta u sittin metru kwadru (63sqm) u suġġett għall-mogħdija ta' katusi tax-xita u tad-drenaġġ, skont kif ikun meħtieġ għas-

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 17th of January, 2023, on the application of Vella Wright Natalie Mary Louise (ID 298201L), Tuesday, 25th April, 2023, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The tenement with numbers two hundred and sixty one/ two hundred and sixty two (261/262), in Triq il-Kbira, Balzan, which consists of a shop Class Four (IV) situated on the semi basement level, underlying third party property, with access from a stairs leading to the street. The main commercial space leads access to all the rooms including the bathroom, the kitchenette and the box room. The tenement has a measurement of about sixty three square metre (63sqm), and is subject to the passage of rain water

servizzi tal-proprjetà li tifforma parti mill-istess blokk, konfinanti l-blokk kollu min-Nofsinhar mat-triq u mill-Punent ma' proprjetà illi tagħti għal Triq San Franġisk u mil-Lvant ma' proprjetà li tagħti għal Triq Wied Ħal Balzan, libera u franka u tinkludi d-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha u stmat li jiswa mitt elf ewro (€100,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Emanuel Baldacchino & Co. Limited (C44700) u Emanuel Baldacchino (KI 368682M) f'ismu personali u qua garanti in solidum ma' Emanuel Baldacchino & Co. Limited (C44700).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 34/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 3 ta' Marzu, 2023

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

and drainage drains, as may be necessary for the services of the property forming part of the same block, and all the block is bounded south with the street, west with property that abuts onto Triq San Franġisk and east with property that abuts onto Triq Wied Ħal Balzan, free and unencumbered and includes all its rights and appurtenances and is valued at one hundred thousand euro (€100,000).

The said tenement is the property of Emanuel Baldacchino & Co. Limited (C44700) and Emanuel Baldacchino (ID 368682M) in his personal name and qua garanti in solidum with Emanuel Baldacchino & Co. Limited (C44700).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 34/2022.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 3rd March, 2023

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

544

Permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Ġunju, 2022, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4846/2021, fl-ismijiet Registratur Qrati Ċivili u Tribunali vs Schmidt Arne, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 11 ta' Novembru, 2021

Lil Schmidt Arne ta' Penthouse 7, Morning Mist Crt, Triq Massimiliano Kolbe, San Pawl il-Baħar

Permezz tal-preżenti r-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali ta' Qrati tal-Gustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, jinterpellak sabiex tgħaddi u tħallas fi żmien erbat (4) ijiem min-notifika lilek ta' din l-ittra uffiċjali, is-somma ta' €1,115.27 minnek dovuta bħala drittijiet tar-Reġistru inkonnessjoni mal-kawża fl-ismijiet:

Zammit Paul vs Schmidt Arne (Ċitazzjoni numru 815/2015/1).

Tista' wkoll tħallas online billi tidħol fis-sit (ecourts.gov.mt) u tagħżel il-ħolqa 'Ħallas id-Dritt tar-Reġistru tal-Qorti' (Pay Court Registry Fees). Fin-nuqqas il-mittent jirriżerva li jipproċedi kontrik ulterjorment skont il-liġi.

Tant biex tagħraf timxi

By means of a decree of the 17th June, 2022, given by the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 4846/2021, in the names Registrar of Civil Courts and Tribunals vs Schmidt Arne, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent in terms of Article 187(3) et sequitur Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 11th November, 2021

To Schmidt Arne of Penthouse 7, Morning Mist Crt, Triq Massimiliano Kolbe, St Paul's Bay

By the present the Registrar of Civil Courts and Tribunals of Law Courts, Triq ir-Repubblika, Valletta, solicits you so that within four days from the notification of this judicial letter you pay the sum of €1,115.27 due by you as Registry fees in connection with the law suit in the names:

Zammit Paul vs Schmidt Arne (Application number 815/2015/1).

You can also pay online by accessing the website (ecourts.gov.mt) and choose the link 'Ħallas id-Dritt tar-Reġistru tal-Qorti' (Pay Court Registry Fees). In default the applicant reserves the right to proceed further against you according to law.

So much for your own guidance

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 3 ta' Marzu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

With costs

Registry of the Superior Courts today 3rd March, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

545

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-5 ta' Ottubru, 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 428/2021, fl-ismijiet Reuben Bonnici noe vs John Mary Falzon, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat John Mary Falzon a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 25 ta' Frar, 2021

Lil John Mary Falzon (KI 616656M) ta' 64A, Triq Sant'Enriku, Tas-Sliema

Permezz tal-preżenti Reuben Bonnici (KI 448471M) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Automated Revenue Management Services Limited (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed jinnotifikawk bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A, għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed jinterpellawk sabiex tħallas is-somma ta' €4,013.07, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees, u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku, jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont u liema ammont jikkonsisti fis-segwenti:

i. Inkwantu l-kont numru 101000262714 l-ammont ta' €3,229.17 fil-fond bl-indirizz 151, Bakery, Triq il-Wied, L-Imsida; u

ii. Inkwantu l-kont numru 101000266396 l-ammont ta' €783.90 fil-fond bl-indirizz 64A, Triq Sant'Enriku, Tas-Sliema.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni

By means of a decree of the 5th October, 2021, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 428/2021 in the names Reuben Bonnici noe vs John Mary Falzon, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent John Mary Falzon in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 25th February, 2021

To John-Mary Falzon (ID 616656M) of 64A, Triq Sant'Enriku, Tas-Sliema

By the present, Reuben Bonnici (ID 448471M) for and on behalf of the company Automated Revenue Management Services Limited (C46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €4,013.07, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount which amount consists of the following:

i. As for utility bill number 101000262714 in the amount of €3,229.17 for the premises with address 151, Bakery, Triq il-Wied, Msida; and

ii. As for utility bill number 101000266396 in the amount of €783.90 for the premises with address 64A, Triq Sant'Enriku, Tas-Sliema.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on

daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 3 ta' Marzu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 3rd March, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

546

Permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta'Jannar, 2023, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4691/2022, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi vs Muryx Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata Muryx Limited a tenur tal-Artikolu 187 (3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 4 ta' Novembru, 2022

Lil Muryx Limited (C53532) ta' 40, Villa Fairholme, Triq Sir Augustus Bartolo, Ta' Xbiex

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxi ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellak, ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII ta' 1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €10,234,663.13 rappreżentanti ammont dovut minnek bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi esegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxi għandu kontra tiegħek permezz tal-avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 3 ta' Marzu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 24th January, 2023, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 4691/2022, in the names, Commissioner for Revenue vs Muryx Limited, the following publication for the purpose of service on the respondent company Muryx Limited was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 4th November, 2022

To Muryx Limited (C 53532) of 40, Villa Fairholme, Triq Sir Augustus Bartolo, Ta' Xbiex

By the present, the Commissioner for Revenue of Centre Point Building, Block 6, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €10,234,663.13 representing the amount due by you as Value Added Tax according to the same Act.

With costs and interest according to that Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Revenue has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellant informs you that he shall pass to execute the said executive title he has against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed

Registry of the Superior Courts, today 3rd March, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

547

Permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Awwissu, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 972/2022, fl-ismijiet Edgar Ferrante et vs Maria Sammut, il-Bord li Jirregola l-Kera ordna s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Maria Sammut a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Bord li Jirregola l-Kera

Illum 10 ta' Marzu, 2022

Lil Maria Sammut (KI 234689M) ta' 3, Sqaq Cancella, Birkirkara

Permezz tal-preżenti Edgar Ferrante (KI 310964M), Georgette Ferrante (KI 470065M), Concetta Borg (KI 783849M) u Giuseppe Borg (KI 164638M) ta' 322, Triq il-Kanun, Santa Venera, jagħmlu referenza għall-fond 3, Sqaq Cancella, Birkirkara, liema fond jinsab mikri lilek versu l-kera irriżorja ta' €209 fis-sena.

Illi minkejja illi inti għandek obbligu illi ai termini tal-liġi illi żżomm il-fond inkwistjoni fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, inti inqast milli tagħmel dan u bi traskuraġni u negliġenza tiegħek spiċċajt ikkawżajt diversi ħsarat fil-fond, liema ħsarat jikkostitwixxu ħsara ħafna ai termini tal-ligi;

Illi in oltre jirriżulta illi inti abbandunajt il-fond inkwistjoni u m'għadekx tużah bħala residenza ordinarja tiegħek, liema abbandun jikkostitwixxi bdil fid-destinazzjoni tiegħu;

Illi konsegwentement l-esponenti qegħdin jinterpellawk sabiex fi żmien ġimagħtejn min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali, inti tagħmel ix-xogħlijiet kollha riparatorji neċessarji sabiex issewwi l-ħsarat ikkaġunati fil-fond inkwistjoni u dan taħt s-sorveljanza tal-Perit Pierre Sapiano u fin-nuqqas il-mittenti se jipproċedu kontra tiegħek kemm għall-iżgumbrament tiegħek mill-fond inkwistjoni kif ukoll għad-danni li int ikkaġunajt fil-proprjetà tagħhom.

Tant sabiex tagħraf timxi u tirregola ruħek

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Marzu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

